**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D., LL.B., N.P., LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2024**

Talba Numru: 29/2022 (MPX)

**Road Structures Limited (C82227)**

**Vs**

**Idea Plan Limited (C83105)**

**Preliminari:**

**It-Tribunal;**

**Ra** l-avviż tat-Talba, ippreżentat fis-16 ta' Diċembru, 2022, li permezz tagħha s-soċjetà attrici talbet lis-soċjetà konvenuta tgħid għaliex dan it-Tribunal m'għandux jikkundannaha tħallas l-ammont ta' elf, tliet mija u wieħed u tmenin ewro u disgħin ċenteżmu (€1,381.90), oltre l-interessi relattivi b'effett mill-1 ta' Marzu, 2022, dovuti lill-attriċi għall-provvista ta' materjal, u prestazzjoni ta' servizzi magħmula minnha fuq talba u fl-interess tas-soċjetà konvenuta fil-Health Centre, ir-Rabat, Għawdex, f'Jannar, 2022, u x-xhur segwenti.

Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 2589/2022, tat-28 ta' Ottubru, 2022, diġà spedita mill-attrici lill-istess intimata.

**Ra** r-risposta tas-soċjetà konvenuta, li permezz tagħha laqgħet għat-talbiet attriċi kif ġej:

1. *«Illi s-soċjetà konvenuta qieghda tirrispingi l-pretensjonijiet tal-istess soċjetà attrici bhala infondati fid-dritt u fil-fatt, stante li l-istess soċjetà konvenuta m'ghandha l-ebda relazzjoni kuntrattwali u guridika mas-soċjetà rikorrenti;*

2. *Illi ghalhekk is-soċjetà konvenuta ma hijiex il-legittima kontradittrici tal-istess soċjetà rikorrenti;*

3. *Salv risposti u eccezzjonijiet ulterjuri.»*

**Ra** x-xhieda mogħtija minn Victor Hili, in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi, nhar l-24 ta' Marzu, 2023;

**Ra** li fid-29 ta' April, 2024, is-soċjetà konvenuta ppreżentat nota li permezz tagħha ddikjarat li m'għadhiex tikkontesta l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi, u li għaldaqstant, qed tirreġistra ammissjoni fuq l-istess ammont;

**Ra** li din il-kawza tħalliet għas-sentenza;

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet attriċi, u jordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-istess soċjetà attriċi l-ammont ta' elf, tliet mija u wieħed u tmenin ewro u disgħin ċenteżmu (€1,381.90), oltre l-interessi relattivi kif mitlub fl-Avviż tat-Talba u l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali numru 2589/2022, datata t-28 ta' Ottubru, 2022.

Is-soċjetà konvenuta għandha tbati wkoll l-ispejjeż ta' din il-proċedura.

**(ft.) Dr Marsette Portelli Xerri**
**Ġudikant**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**